MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Numru. 195/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Aaron Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Aaron Mizzi**, ta' wiehed u tletin (31) sena, bin Joseph u Rita neé Cassar, imwieled Pietà fis-27 ta' Mejju 1980 u joqghod 9, Triq Valletta, Hal-Qormi jew Alomond Court, Pent Hse 6, Triq Il-Gdida, Hal-Qormi, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 258980(M), akkuzat talli fil-21 t'Ottubru 2011 u granet qabel gewwa l-Ghasses ta' Hal-Qormi, Rahal Gdid, il-Fgura u f'dawn il-Gzejjer:

1. bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna cioé lil Joren Attard minn Hal-Safi akkuzah quddiem Awtorita' Kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dan il-persuna hu innocenti;

2. fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkustanzi ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat, li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali kontra Joren Attard sabiex jizguraw li dan ir–reat kien sar;

3. kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kaptiolu 446 moghtija lilu mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D. nhar il-11 ta' Gunju 2009.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SZ 9" – *a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 77 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**I**lli l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 11 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu fir-rigward tar-rapport (Dok. "SZ

1" – *a fol.* 15 *et seq.*)[1] li sar mill-imputat fl-20 ta' Dicembru 2011 fl-Ghassa ta' Hal Qormi, f'liema rapport l-imputat qal li kien gie mhedded minn siehbu l-parti leza Joren Attard. Jghid li nterroga lill-imputat fejn huwa (l-Ufficjal Prosekutur) kellu suspett li r-rapport li kien ghamel l-imputat ma kienx minnu. Jispjega li fuq dak li kien qallu l-imputat, kien investiga lil Joren Attard u jghid li l-pistoli li kienu fuqu kienu l-pistola bis-*serial number* A0084 u *rifle* bis-*serial number* B 02590. Jixhed li Attard qallu li l-incident li semma l-imputat ma kienx wiehed veru tant li qallu li bejn il-5.00am u t-8.00am kien qieghed id-dar. Jixhed li mill-indagni li ghamlet il-Pulizija rrizulta li dakinhar tal-allegat incident Attard kien hareg mid-dar ghal habta tas-7.00am. Jghid li sussegwentement l-imputat kien ammetta li r-rapport li kien ghamel ma kienx minnu. Jghid li l-imputat qallu li kien ghamel hekk biex Attard jibza' mill-Pulizija. Jghid li l-imputat qallu li Attard qatt ma kien heddu rigward il-flus li kienu dovuti minnu lilu pero jghid li Attard kien icempillu. Waqt id-depozizzjoni tieghu, l-iSpettur ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "SZ 1" sa "SZ 7" (*a fol.* 15 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012 (*a fol.* 49) fejn ezebixxa CD u sitt ritratti, li gew immarkati minn Dok. "SZ 8" sa "SZ 14" (*a fol.* 50 u 51). Jghid li dawn juru l-vettura tal-parti leza Attard fejn ir-residenza tieghu.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' April 2012, xehed ukoll **Joren Attard** (*a fol.* 32 *et seq.*) fejn qal li kien mar l-Ghassa tal-Pulizija wara li kien rcieva telefonata minn hemm fil-21 ta' Dicembru jew fit-22 ta' Dicembru 2011. Jghid li l-imputat kien habib kbir tieghu u li kienu johorgu flimkien u jafu lil xulxin anke fuq ix-xoghol. Jghid li hu (Attard) gie akkuzat li l-gurnata ta' qabel cemplulu mill-Ghassa, hu kien qieghed Ras Hanzir fil-5.30am u pponta arma tan-nar lill-imputat. Jghid li dan qalulu l-Ufficjal Prosekutur. Jghid li l-Ufficjal Prosekutur kien staqsieh jekk kienx ppunta arma tan-nar u jekk kienx hedded lill-imputat. Jghid li hu qatt ma ghamel hekk ghax f'dak il-hin kien qieghed id-dar. Jghid li kien hemm zmien fejn l-imputat kien talbu jsellfu erbat'elef Euro, hu sellfu l-flus u

[1] Li huwa l-istess bhal Dok. "TA 1" (*a fol.* 40 *et seq.*).

marru ghand nutar biex jaghmlu skrittura privata. Jghid li gie li kien icempel lill-imputat ghax kienu ftehmu li l-flus jaghtihomlu fi tlett xhur. Jispjega li xi jiem qabel sar ir-rapport mill-imputat, l-imputat u hu kienu miftehmin jmorru ghand in-nutar u l-imputat baqa' ma tfaccax. Jghid li l-ghada l-imputat beda jcempillu u li hu (Attard) qallu li kien ser jimxi bl-avukat tieghu. Jghid li l-ghada baghat ghalih l-iSpettur. Ikkonferma li l-iskrittura privata li kienu ghamlu l-imputat u hu hija dik li giet immarkata bhala Dok. "SZ 7" (*a fol.* 30 *et seq.*). Jghid li minn dakinhar li kienet iffirmata l-iskrittura privata sakemm sejjahlu l-iSpettur, l-imputat ma kien hallsu xejn. Jghid li wara li kien ltaqa' mal-iSpettur, l-imputat kien tah is-somma ta' mitt Euro. Jghid li l-armi tieghu gew mehuda mill-Pulizija u hu nzamm arrestat tmienja u ghoxrin siegha minghajr ma kien jaf x'inhu jigri u li l-armi hadhom madwar xahar wara. Jghid li l-imputat kien jghidlu li kien ser jirranga mieghu pero ma kien imur qatt.

**Joren Attard** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013 (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn qal li l-imputat jaghmillu l-mossi, johroglu subghajh tan-nofs kemm meta jkunu l-Qorti u kemm meta jiehu x-xoghol ghand Polidano Brothers. Ezebixxa *invoices* li gew immarkati bhala Dok. "JA 1" (*a fol.* 64 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehed **PS 100 Terence Azzopardi** (*a fol.* 38) fejn xehed li fl-20 ta' Dicembru 2011 ghal habta tad-8.45am kien l-Ghassa ta' Rahal Gdid u gie nfurmat minn WPC 39 Sarah Fenech, stazzjonata fl-Ghassa ta' Hal-Qormi, fejn qaltlu li l-imputat kien mar l-Ghassa peress li kien avvicinat minn Joren Attard u heddu b'arma tan-nar simili ghall-arma tan-nar li juzaw l-SAG, skond hu. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "TA 1" (*a fol.* 40 *et seq.*).[2]

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012, xehdet **in-Nutar Dr. Mary Camilleri Caruana** (*a fol.* 43 *et seq.*) rigward l-iskrittura privata li saret quddiemha u li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "SZ 7" (*a fol.* 30 *et seq.*). Tghid li lill-imputat kienet staqsietu jekk kienx ircieva l-ammont ta' erbat'elef Euro u wegibha fl-affermattiv.

[2] *Ibid.*

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehed **PC 453 Brian Cassar** (*a fol. 59 et seq.*) fejn qal li kien gie mitlub jaghmel *download* ta' filmat ta' sistema tas-CCTV minn gewwa r-residenza fi Triq Ghert in-Nahal, Hal Safi. Jghid li kellu jnizzel tal-20 ta' Dicembru 2011 mill-5.00am sas-7.00am. Ipprezenta dan id-*download* tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "BC 1" (*a fol.* 61). Jghid li l-hin li jidher fil-*footage* huwa hazin ghax is-sistema kellha l-hin u d-data hziena. Jispjega kif ikkalkula li jasal ghal hin li gie mitlub biex jaghmel *download*.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' April 2013, xehdet **WPC 39 Sarah Fenech** (*a fol.* 67 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnha li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SZ 1" (*a fol.* 15 *et seq.*).[3] F'dan ir-rapport hemm imnizzel li fl-20 ta' Dicembru 2011 Aaron Mizzi qal li waqt li kien qieghed gewwa Ras Hanzir kien gie avvicinat mill-parti leza fejn heddu b'arma tan-nar li huwa ddeskrivieha bhala simili ta' dik tal-SAG. Fir-rapport jinghad li Mizzi spjega li dan gara minhabba xi flus li hu kellu jaghti lill-parti leza.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jittratta rapport li sar fl-20 ta' Dicembru 2011 (Dok. "SZ 1" – *a fol.* 15 *et seq.*)[4] fejn l-imputat allega li kien avvicinat minn Joren Attard li heddu b'arma tan-nar simili ghall-arma tan-nar li juzaw l-SAG.

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat jirrigwardaw ir-reat tal-kalunnja *ai termini* tal- Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-rapport falz *ai termini* tal-Artikolu 110(2) tal-istess Kapitolu 9. Qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza x'inhuma l-elementi li jikkostitwixxu dawn iz-zewg reati, il-Qorti hija tal-fehma li jkunu opportun li l-ewwel taghmel xi konsiderazzjonijiet ulterjuri.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-provi kollha li tressqu jirrigwardaw dak li allegatament sehh fl-20 ta' Dicembru 2011 xi hin fil-ghodu. Pero l-Qorti tinnota li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jirreferu ghad-data *"21 ta' Ottubru 2011 u*

[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*

*granet qabel"*.[5] It-tieni (2) imputazzjoni taghmel riferenza ghas-segwenti: *"fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkustanzi"*.[6]

Illi s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> "Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."

Illi fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew *"ghall-habta tas-7.30 p.m."* mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh *"ghall-habta tas-7.30 a.m."*, intqal li:

> "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi *"ghall-habta ta'"* tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament".

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija**

[5] *A fol.* 1.
[6] *Ibid.*

**vs. Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs. Rita Theuma**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Illi, fil-kaz odjern, id-differenza li tirrizulta mill-provi prodotti meta paragunata ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat mhumiex semplici ftit sieghat pero d-differenza hija dik ta' kwazi xahrejn. M'hemmx dubju li dak kwotat fis-sentenzi riprodotti hawn fuq ghandu japplika ghall-kaz odjern. *Stante* li lanqas fil-kaz odjern ma ntalbet l-ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser ikollha tapplika l-principji ndikati hawn fuq.

Illi b'applikazzjoni tal-principji ndikati hawn fuq ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputat odjern ma jistghax jinstab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet lilu addebitati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fil-21 ta' Ottubru 2011 meta l-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fl-20 ta' Dicembru 2011.

Illi ladarba jirrizulta li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, isegwi li l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. B'hekk l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Aaron Mizzi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------